# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Dicembru 2018**

**Kawza Numru : 34**
**Rikors Guramentat Numru : 1080/2018/LSO**

**Mary Anne Cachia (I.D1021647M), f'isimha proprio kif ukoll bhala mandatarja tal-assenti Steve Cassar, Matthew Cassar (I.D. 999146M), Lucia Vassallo (I.D.766552M), Rita Zammit (I.D. 959950M), Raymond Cassar (I.D. 537557M), Amadeo Cassar (I.D.17355M) u Agnes**

**Callus, (I.D. 535660M), ahwa Cassar**

**vs**

**Josephine Grech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2018.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 fid-9:30am, b' ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat li minkejja l-intimata giet notifikata bir-rikors guramentat (kif jidher *a tergo* ta' fol 50) baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Aldo Vella ghall-atturi, prezenti l-attrici.

Dehret il-konvenuta Josephine Grech.

Il-kawza giet posposta.

Meta regghet issejhet il-kawza deher ukoll Dr David Camilleri ghall-konvenuta prezenti fl-Awla.

Dr David Camilleri ghall-intimata jammetti t-talbiet attrici pero` jitlob li tinghata terminu ta' xahar ghall-izgubmrament.

Dr Vella jirrimetti ruhu.

INGHATAT SENTENZA:

Rat it-talbiet, l-atti u d-dokumenti annessi.

Rat li l-intimata debitament notifikata dehret u ammettiet l-istess talbiet;

Il-Qorti ghaldaqstant, wara li qieset li l-atturi ghandhom ragun biex jipprocedu permezz tal-proceduri fit-termini tal-artikoli 167 *et sequens* tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

*In visto* tal-ammissjoni tal-intimata tiddikjara u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta llum qed tokkupa z-zewg fondi *flat* 5 u *flat* 6, f'numru 111, St Joseph Street, Valletta minghajr ebda titolu validu skont il-ligi u tordna l-izgumbrament tal-istess konvenuta mill-istess immobbili fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

L-ispejjez jigu sopportati mill-intimta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' Dicembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Dicembru 2018**